# Antoloġija ta'
# Karmenu Vassallo

*President tal-Każin 1947-1963*





Fil-Bidu ta' din is-sena ġie inawgurat Arkivju ġdid ġewwa s-Sede tal-Każin, u liema arkivju ħa l-isem tal-poeta Siġġiewi Karmenu Vassallo. Huwa kien serva wkoll ta' President tal-Każin fis-snin u għalhekk din is-sena ħsibna sabiex f'dan il-ktieb nippreżentaw aspetti differenti mill-ħajja tiegħu.

## Il-Poeta Karmenu Vassallo u r-rabta tiegħu ma' Jum il-Ħelsien

**Dale Sammut**

Din is-sena pajjiżna qed ifakkar erbgħin sena mill-għeluq tal-bażi navali Ingliża f'Malta. Dan l-avveniment storiku nistgħu ngħidu li għadu frisk fil-memorja kollettiva tagħna l-Maltin. Mhux beħsiebni nidħol f'dak li wassal biex iseħħ dan il-jum jew fuq ir-relevanza tiegħu, dan inħallih f'idejn l-Istoriċi.

Kien hawn wieħed minn fostna s-Siġġiwin li kellu rabta diretta maċ-ċelebrazzjonijet li kienu seħħu fil-lejl tal-31 ta' Marzu tal-1979. Il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dom Mintoff, xtaq li tkun ċerimonja imżewqa b'kollox bl-arti u dak kollu li nsibu f'festa, inkluż innu. Karmenu Vassallo huwa l-awtur tal-lirika tal-Innu ta' Jum il-Ħelsien L-innijiet huma poplari magħna l-Maltin, għax bihom nesprimu emozzjoni u imħabba lejn xi ħaġa jew xi ħadd. F'innu nazzjonali eżempju, poplu jesprimi sentiment ta' ġemgħa lejn l-identità

Nazzjoni u ta' għaqda, hekk għamel Dun Karm bl-aktar mod solenni u mirqum fl-Innu Malti[1]. L-istess effett għandhom l-innijet tal-partiti politiċi, li jużaw l-innu bħala manifest tat-twemmin politiku tagħhom. L-innijiet reliġjużi wkoll iqanqlu fina sentiment ta' twemmin u adorazzjoni lejn Alla jew qima lejn il-Madonna jew qaddis partikolari[2].



*Kompożitur Mikis Theodorakis*

Karmenu Vassallo sa l-1979, kien stabbilit u profiliku. Kien diġà laħaq il-quċċata tal-ħidma poetika tiegħu u kellu biblijografija mżewqa mhux ħażin. Nirien (1938), Alla tażżgħażagħ (1939), Il-Metrika Maltija (1940),Kwiekeb ta' Qalbi (1944), Ħamiem u Sriep (1959), Mill-Art għas-Sema (1960), Vatum Consortium (1969), Tnemnim (1970), Bejn Qċaċet u Qigħan (1974) huma x-xogħlijiet ewlenin tiegħu. Il-fatt li kien midħla tal-Partit Laburista jaf għen wkoll għall-kontribuzzjoni tiegħu f'dan l-avveniment nazzjonali. Tant hu hekk li kien ikkontesta għall-elezzjoni tal-1971 fis-Siġġiewi f'isem il-Partit Laburista man-Nutar Abela. Dan għamlu wara li kien imħeġġeġ jikkontesta minn Anton Buttigieg u Philip Musact fuq ix-xewqa tal-Perit Mintoff innifsu. Huwa iżda ma kienx ġie elett.

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Ħelsien ġie deċiż li jinkiteb innu għal dan il-għan. Karmenu Vassallo, iben denju tas-Siġġiewi, kiteb il-lirika ta' dan l-innu msejjaħ 'Lil Malta f'Jum il-Ħelsien'. Il-Mużika ta' dan l-innu hi kompożizzjoni ta' Mikis Theodorakis (1925- ). Fost l-iktar xogħol popolari ta' Mikis insibu l-mużika għall-film *'Zorba the Greek'*(1964). Il-Ministru tax-Xogħol, Kultura u Ġustizzja Soċjali ta' dak iż-żmien, Agatha Barbara, kienet iltaqgħet ma' dan il-kompożitur fi Strasburgu u talbitu biex jikkomponi l-mużika ta' dan l-innu[3]. L-Innu 'Lil Malta f'Jum il-Ħelsien' indaqq mill-Banda tal-Forzi Armati wara li l-President Anton Buttigieg qiegħed il-kuruna tar-rand f'riġlejn il-Monument li kien diġà mill-iskultur Anton Agius (1933-2008) sar bħala parti miċ-ċelebrazzjoni.[4]

Karmenu mhux l-ewwel darba li mill-pinna tiegħu ħarġu xi innijiet. Ta' min isemmi l-Innu tas-Siġġiewi 'Raħal Tweildi'li ma kienx essaċċ intenzjonat li jkun innu, iktar tard imbagħad Dun Danjel Farrugia kiteb il-mużika għalih. L-Innu Marċ 'Sliem għalik O Tawmaturgu'(1945), l-Innu l-Kbir lil San Nikola(1937) u l-Innu Popolari lil Santa Marija tal-Qrendi(1945). F'dan l-innu ta'Jum il-Ħelsien joħroġ il-patrijottiżmu li mhux soltu ssibu fil-kitbiet ta'Karmenu Vassallo.

Fil-Letteratura Maltija Vassallo huwa meqjum bħala wieħed mill-bennejja tal-Poeżija Romantika. Oliver Friggieri jsejjaħlu, "poeta tan-niket personali li mbagħad sarraf gradatament f'sustanza lirika billi kiseb ix-xejriet ta' kelma universalità fuq umanità sħiħa".[5] Vassallo f'dan l-Innu ħa xejra li tixbah lill-innijiet nazzjonali oħra li twieldu fi ħdan sitwazzjonijiet storiċi fejn kien qed jibda jew jintemm proċess li wassal għall-Indipendenza tal-pajjiż. L-innijiet nazzjonali jistgħu jitqiesu bħala dokumenti storiċi bħalma huwa l-każ tal-Innu 'Lil Malta f'Jum il-Ħelsien' li l-isem stess jixhed dan. Fih tinstema' tidwi għajta ta' poplu li beda triq ġdida, paġna ġdida fl-istorja ta' dan in-Nazzjon[6]. Malta fl-istorja tagħha qatt ma kienet ħielsa mill-ħakma tal-barrani. Il-Poeżija lirika kif ħa naraw tibda b'tislima lil Malta bħal ma jagħmel Dun Karm fl-Innu Malti.

**Lil Malta f'Jum il-Ħelsien**
**(31 ta' Marzu, 1979)**

Aħna minn qalbna nsellmulek Malta!
Ifraħ u thenna, Ġenna ta' Sliem!
Fuqek qatt aktar barrani ma jaħkem.
Ħares ferħana, Malta, 'l quddiem.
Tlajt sal-quċċata: minn hemm ħadd ma
jniżżlek.
Ġensek iħarsek jibqa' sa tmiem.

Ifraħ! Jum ġdid, Malta, sebaħ għalik:
f'artek, Sultana, kulħadd jifraħ bik.
Ħielsa tul għomrok kif int ma kont qatt.
Ġiehek ma' ħiltek kif jixraq irbatt.
Wasal sa fl-aħħar għalik il-ħelsien.
Beda sa fl-aħħar għalik l-egħżeż żmien.


Lil Malta f'Jum il-Ħelsien
(31 ta' Marzu, 1979)

Aħna minn qalbna nsellmulek, Malta!
Ifraħ u thenna, Ġenna ta' Sliem!
Fuqek qatt aktar barrani ma jaħkem.
Ħares ferħana, Malta, 'l quddiem.
Tlajt sal-quċċata: minn hemm ħadd ma jniżżlek.
Ġensek iħarsek jibqa' sa t-tmiem.

Ifraħ! Jum ġdid, Malta, sebaħ għalik:
F'artek, Sultana, kulħadd mgħaxxaq bik.
Ħielsa tul għomrok kif int ma kont qatt.
Ġiehek ma' ħiltek kif jixraq irbatt.
Wasal sa fl-aħħar għalik il-ħelsien.
Beda sa fl-aħħar għalik l-egħżeż żmien.

The National Archives of Malta

*Manuskritt – L-arkivju Nazzjonali*

Il-kliem imqanqal ħafna, b'ħeġġa kbira lejn art twelidu ta' poeta mimli nirien kif kien Vassallo. Karmenu Vassallo ta' poeta romantiku li kien, kien iqis bil-bosta l-metrika u l-forma tal-poeżija. Fiha ma jonqosx l-użu tal-vers solenni kif jixraq f'dik is-siegħa tant solenni. Juri li issa Malta għandha tassew rajjha f'idejha. Juri dan il-bidu ġdid fil-metofora tal-jum il-ġdid, bħali li kieku issa qamet Malta u ħa tibda din il-ħajja ġdida mmarkat bħala l-iktar żmien għażiż fl-istorja ta' Malta. Bħala poeta romantiku jħoss li issa l-ħidma romantika mibdija minn Mikiel Anton Vassalli u komplew Ġian Anton Vassallo, Dun Karm, Ġużè Muscat Azzopardi u oħrajn issa laħqet il-quċċata.

Dan l-innu għadu jindaqq kull sena fiċ-ċerimonji kollha relatati ma' din il-Festa Nazzjonali. Waqt iċ-ċerimonja statali dan jindaqq mill-Banda tal-Forzi Armati waqt li l-President tar-Repubblika, il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni jitilgħu fuq l-Għolja fejn jitpoġġew il-fjuri taħt l-arblu bil-bandiera ta' Malta tperper fuqu.

## Referenzi


[1] O. Friggieri, *L-Istorja tal-Innu Malti*, KKM, 2014, p.5.
[2] O.Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, KKM, 2010, p.310-311.
[3] *Times of Malta*, 19/03/1979, p.7
[4] M. Zammit Marmara, *Il-Ħajja ta' Karmenu Vassallo*, SKS, 2014, p.307.
[5] O.Friggieri,'Karmenu Vassallo', *L-Istudji Kritiċi Miġbura*, MUS, 1995, p.284.
[6] O. Friggieri, *L-Istorja tal-Innu Malti*, KKM, 2014, p. 6,8